A.L. 384 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 ta' l-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Commerce jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni waħdieni fi tnejn mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Accountancy, Banking and Finance, l-Ekonomija, Management, Marketing, Public Policy, u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) jingħata fil-Commerce bħala Qasam ta' Studju Ewlieni bl-Unuri flimkien f'wieħed mill-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

Banking and Finance, l-Ekonomija, Management, Marketing, Public Policy, Public and Private Sector Management, u kwalunkwe qasam ieħor approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord."

L-Emenda għall-ordinament 4 ta' l-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (b) ta' l-ordinament 4 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għandhom is-Certificate in Banking taċ-Chartered Institute of Bankers (li jinkludi sitt suġġetti) u jkunu għaddew mill-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, sakemm dawn l-applikanti jkunu jistgħu jagħżlu biss 'il-Banking and Finance' u jew 'l-Ekonomija' jew 'il-Management' jew 'il-Marketing' jew 'il-Public Policy' bħala ż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni."

L-Emenda għall-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (b) ta' l-ordinament 6 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) Biex jagħżlu l-Banking and Finance jew l-Ekonomija jew il-Management jew il-Marketing jew il-Public Policy bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni, l-istudenti għandhom iġibu marka ta' mhux anqas minn 45% f'kull taqsima studju obbligatorja meħuda fl-ewwel sena tal-Kors."

L-Emenda għall-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (ċ) ta' l-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) it-tielet sena, li tikkonsisti f'taqsimiet studju f'kull waħda miż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni magħżula, li għalihom hemm assenjati 30 kredtu.".